DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 1919** **06. 09. 2012**

**AVVIŻ MAĦRUĠ MID-DIRETTORAT GĦAL SAĦĦA AMBJENTALI**

Id-Direttorat għal Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza Saħħa Pubblika javża li sakemm joħroġ avviż ieħor mhux rakkomandat li jsir għawm minħabba żbroff tad-drenaġġ ġewwa:

Malta - f'San Pawl il-Bahar – fil-viċinanzi tal-Moll tal-Fekruna quddiem il-*pumping station* (Kodiċi tas-Sit C 18)
Għawdex – Bajja tax-Xlendi – (Kodiċi tas-Siti D04, D05, D06 u D07)

Id-Direttorat waħħal avviżi fil-lokalitajiet dwar dan ir-rigward.

Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon – 21337333 mis-7:00 ta' filgħodu sat-3:00 ta' wara nofsinhar jew jibgħat *email* fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess Direttorat li jinsab Continental Business Centre, Cutrico Buildings, Triq il-Ferrovija, Santa Venera. Barra dawn il-ħinijiet, il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iċempel fuq is-sistema awtomatika 21827146.

Il-pubbliku jista' wkoll iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook http://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626 jew is-sit uffiċjali fuq https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/public_health/environmental-health/department_for_env_health.aspx għal informazzjoni simili.

**Attachments: None** **Page: 1 of 1**